Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 499/2014

Il-Pulizja

Spettur Joseph Mercieca

Vs

Daniel Farrugia

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Daniel Farrugia, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 557879M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' ismu propjru u/jew bhala direttur tas- socjeta' DIS Equipment Rental Ltd. f' Malta nhar id- 29 ta' Marzu 2011 u/jew fix- xhur ta' qabel;

1) Minn madwar is- swar, biswit Xatt Lascaris, Valletta, ikkommetta serq ta' materjal ta' scaffolding, liema serq hu aggravat bil- valur li jeccedi €2,329.37 u bil- hin u li sar ghad- detriment tas- socjeta' Atlantic Scaffolding Ltd u/jew persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2) Xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, cioe' materjal ta' scaffolding, misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (c)(f), 267, 270, 279(b), 280(1), 281(a), 334, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal- ewwel (1) akkuza, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghat-tieni;

Sabet lill- imputat hati tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant ikkundannatu ghall- piena ta' tmintax(18) – il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Art 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta. Ordnat il-hlas tal- ispejjez tal- process verbal.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Daniel Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil-imputat mill-akkuza ta' serq aggravat, thassar u tirrevoka fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat hati tar-reat ta' ricettazzjoni u dan taht dawk il-kundizzjonijiet xierq opportuni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Daniel Farrugia huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok is-sentenza appellata hija nulla ai termini ta' l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex kif ser jigi pruvat f'dan l-istess rikors ta' appell l-ewwel Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma irrispettatx il-vot tal-ligi

u appuntu l-artikolu 382 tal-Kap 9 li jimporta in-nullita tas-sentenza. Dan ghaliex in-nuqqas li s-sentenza tkun motivata jammonta ghal nuqqas ta' formailta' sotanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal kodici Kriminali. L-appellant fil-fatt flimkien ma dan ir-rikors tal-appell qed jipprezenta kopja tas-sentenza li inghatat lilu u minn ezami tal-istess jirrizulta li ma hemm l-ebda motivazzjoni ta' xejn bizzejjed jinghad li appena l-Qorti kitbet 'ikkunsidrat' ikkwotat l-artikoli tal-ligi u ghamlet id-dikjrazzjoni ta htija ghall-akkuza li sabitu hati taghha u cioe ta ricettazzjoni u effetivament ghaddiet biex tghati il-piena f'dak ir-rigward u illiberatu minn akkuza ohra ta serq aggravat.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."

Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata.

Fil-fatt kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet il-Pulizija vs Emanuel Mifsud et moghtija fit-12 ta Marzu 2009, il-Qorti irriteniet li "skond l-atikoli 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati meta taghti sentenza konra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-kodici kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat (sottolinear ta' dik il-Qorti).

F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata (ara f'dan is-sens l-Appelli Krimiali fi-ismijiet: Il-Pulizija V. Donald Cilia, 24 ta' April 2002; Il-Pulizija vs Benjamin Muscat, 28 ta' Gunju 2002 u 10 ta' Lulju 2002; il-Pulizija v.Joseph Zahra, 9 ta' Settembru 2002; Il-Pulizija v. Paul Cachia, 25 ta' Settembru 2003;Il-Pulizija v. Mark Portanier, 14 ta' Settembru 2004; Il-Pulizija v. John Axiaq et, 19 ta' Mejju 2005; Il-Pulizija v. Stefan Abela, 2 ta' Frar 2006; Il-Pulizija v. Anthony Borg, 1 ta' Gunju 2006.

Fil-fatt tant hu aggravju serju dan li qed jilmenta ruhu minnu ir-rikorrenti li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas ex ufficcio ghalkemm ma jkun hemm ebda aggravju dwar dan. Ara App Kriminali il-Pulizija vs Anthony Zahra deciza 26 ta Mejju 1994 u il-Pulizija vs Vincent Cucciardi deciza fis-6 ta' Jannar 2005 fost ohrajn.

Illi pero jinghad ukoll li stante li l-appellant kien gie liberat mill-ewwel imputazzjoni kif gie ritenut fi-Appell tieghu, dan id-difett li l-appellanti qed jilmenta minnu iwasal biss ghan-nullita' parzjali tas-sentenza appellata fil-parti fejn tkun instabet htija fil-konfront tal-apellant u l-Qorti ta l-Appell ghandha tannulla u thassar biss dik il-parti

tas-sentenza appellata fejn tkun instabet htija izda mhux ukoll il-parti fejn tkun illiberat minn xi akkuza (Vide il-Pulizija vs Domnic Andrew Spencer datat 12 ta Mejju 2005 u il-Pulizija vs Joseph Muscat deciz fl-10 ta' Gunju 1994, il-Pulizija vs Anthony Zahra deciz fis-26 ta' Mejju 1994 u 1-Pulizija vs Charles Micallef deciz fit-23 ta Gunju 1995 fost ohrajn.)

2. Fit-tieni lok l-esponenti ihoss li 1-akkuza ta' ricettazzjoni ma gietx provata lanqas remotament u dan ghaliex l-elementi tar-reat ma jinkwadrawx ruhhom fil-provi prodotti.

L-esponenti jghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fi-ismijiet Il-Pulizija vs Filippa Fenech deciza fit-18 ta Mejju 1937 fejn gie ritenut li "..eppure r-ricettazzjoni hija delitt mhux ta' komplicita fis-serq imma delitt ghalih;.... . . . Dana jinghad ghal kaz ta' ricettazzjoni semplici, cjoe' dik li ghalkemm doluza, issir minghajr ma kienet hemm, qabel is-serq l- akkordju li jigu ricettati l-oggetti provenjenti mis-serq; ghaliex meta jkun hemm dana l-akkordju, allura jista' jkun hemm komplicita' b' instigazzjoni".

Illi biex jista' jinghad li l-akkuza giet pruvata hemm bzonn illi jirrizultaw sodisfacentement dawna r-rekwiziti :-

i. Illi l-oggetti ii jkun imsemmi fil-kaz ikun gej mill-kummissjoni ta' reat;
ii. Illi l-akkuzat jkun jew irricetta jew xtara dan l-oggett; Irid jigi provat li dik il-persuna li ricettat l-oggett tkun taf bil-provenjenza l-element materjali tar-ricettazzjoni . Fil-fatt dan huwa t-tieni element tar-reat li jikkostitwixxi l-element materjali tar-ricettazzjoni. Imma biex ikun hemm dak l-element hemm bzonn li 1-prezunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b'xi mod ikun ikkoopera ruhhu biex jigi ezitu jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Jekk l-atti tieghu ma jurux illi kien hemm dik l-intromissjoni da parti tieghu biex b'xi mod jigi facilitat l-okkultament ta' l-oggett misruq jew illegitimanet ottenut dan it-tieni element ma jirrikorrix u ma hemmx ricettazzjoni.
iii. Illi l-imputat kien jaf illi l-oggett kien ta' provenjenza illegittima.

In kwantu ghat-tieni rekwiziti ma hux affattu necessarju illi jkun hemm ix-xiri ta' 1-oggett milli parti tar-ricettatur; ir-ricettazzjoni wahedha hija bizzejjed.

In kwantu ghax-xjenza tal-provenjenza illegittima dana l-element (li huwa d-dolo specifiku tad-delitt tar-ricettazzjoni) jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Kif gie imfisser fis-senenza moghtija mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali fi-ismijiet Il-Pulizija Vs John Dimech deciza nhar l-24 ta Gunju 1961 :-

"Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha susupett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex tacerta li l-pussess ta' dik il-

persuna l-ohra kien legittimu u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tax-scienter rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat u ta' ricettazzjoni."

Issir referenza ukoll ghas-sentenza fi-ismijiet Il-Pulizija Vs John Briguglio deciza fl-24 ta Gunju 1961 fejn inghad li:

"Il-proposizzjoni illi biex ma jkunx hati ta' ricettazzjoni, min jakkwista oggett ghandu juza d-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja biex jaccerta ruhu li dak l-oggett ma ghandux provjenza ilegittima, m 'hijiex ineramen zbaljata, imma mill-banda l-ohra ghandha tigi kwalifikata; ghaliex filwaqt li f'materja civili n-nuqqas ta' diligenza fi grad akbar, sabiex ikun hemm imputabilita kriminali.

Ghalhekk, dik il-proposizzjoni ghandha tigi modfikata fis-sens li "in criminalibus", a differenza ta' "civiliter" mhux bizzejjed in-negligenza li hi sempliciment l-ommissjoni tad-diligenza tal-"buon padre di famiglie", imma tehtieg negligenza fi grad tali li tammonta ghal "criminal misconduct", generalment imsejha "gross negligence" Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza, u kwindi ta' ricetazzjoni".

Illi sabiex il-prosekuzzjoni tipprova dan ir-reat kellha l-ewwel nett tipprova li l-merkanzija mertu tal-kawza konsistenti fil-pajpiet giet misruqa jew kienet gejja minn xi delitt. Haga li ma gietx provata u dan ghaliex l-prosekuzzjoi esebiet l-inkjesta li saret dwar is-sejba tal-merkanzija u mhux l-inkjesta jew rapport dwar is-serq tal-merkanzija minn l-allegat sid legittimu taghha. Ghalhekk din il-prova krucjali hija nieqsa u minghajrha zgur li ma tistax tinstab htija.

Fit-tieni lok lanqas ma gie ppruvat il-merkanzija li instabet gol-mahzen H' Attard jappartjeni lill-imputat u ghalhekk dan in nexus tal-imputat ma l-oggett misjub ma giex provat lanqas.

Fit-tielet lok l-imputat stqarr li l-merkanzija li huwa kellu fil-mahzen tieghu kien xraha minn l-Ingilterra u minghand Rachid. Issa Rachid ikkofnerma li kien biegh xi merkanzija lill-imputat. L-imputat ma kellu jipprova xejn u seta' strah biss fuq il-provi imressqa mill-prosekuzzjoni pero mix-xhieda tieghu fl-atti ta' l-inkejsta temergi l-htiega li jixhed u jispjega ir-raguni ghaliex kellu tali materjal. Jinghad li l-prosekuzzjoni la pprovat l-valur ta l-ogget misruq minghand is-sid legittimu u lanqas tat xi detaiji dwar il-provenzjenza taghha pero l-imputat stqarr bil-gurament tieghu li kien xtara merkanzija minghand Rachid. Dwar il-prezz jew kundizzjoni ta' dan il-biegh ma jirrizulta xejn mill-atti ghalkemm il-prosekuzzjoni kellha kull chance u opportunita' li ssaqsi dwarha kemm meta xehed l-imputat fl-inkjesta, a tempo vergine fl-investigazzjoni kif ukoll meta xehed dan Rachid haga li ma ghamlitx.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti jilmenta illi l-akkuza tar-ricettazzjoni qatt ma setghet tissussisti billi l-elementi li ifasslu dan ir-reat ma jirrizultawx mill-provi prodotti. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova illi l-pajpijiet tal-hadid li instabu fil-pussess ta'l-appellanti kienu provenjenti mid-delitt tas-serq. Lanqas ma tirrizulta l-prova illi l-oggetti mertu ta' din il-vertenza kienu proprjeta tal-parti leza. L-appellanti isostni illi l-merkanzija li kellu fil-mahzen tieghu huwa kien xtraha b'mod legittimu. Finalment tonqos il-prova tal-valur tal-oggett misruq kif ukoll l-provenjenza ta'l-istess, kif hija nieqsa ukoll l-prova dwar il-valur ta'l-akkwist ta'l-istess oggetti allegatament ricettati li l-appellanti hallas ghalihom.

Issa fir-reat tar-ricettazzjoni "***l'incriminazione mira ad impedire che, verificatosi un delitto, <u>persone diverse da coloro che lo hanno commesso</u> o sono concorsi a commetterlo si interessino delle cose proveniente dal delitto medesimo per trarne vantaggio.***[1]"

Minn din id-definizzjoni semplici li ighaddielna l-Antolisei johorgu zewg elementi essenzjali mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat u cioe' fl-ewwel lok irid necessarjament ikun sehh delitt. Fit-tieni lok imbaghad terzi persuni estranji ghad-delitt xjentement jakkwistaw jew jigu fil-pussess ta' l-oggetti derivanti minn dak id-delitt u dan dejjem bl-iskop li jiksbu xi vantagg.

Ikompli hekk l-Anolisei:

"***L'intervento di tali persone e'dannoso socialmente perche porta alla dispersione delle cose di provenienza delittuosa e ne rende piu' difficle il ricupero, consolidando in tal modo il pregudizio subito dalla vittima.***"

---

[1] Antolisei – Manuale di Diritto Penale (Parte Speciale I):

Dwar l-ewwel element jispjega:

*"Poiche oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro, o, in genere, cose di provenienza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe' che un altro reato sia stato commesso.....*

*...... La condanna per ricettazione non puo' aver luogo, se prima non e' stato riconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore."*

Dan qed jigi senjalat mill-Qorti billi l-ewwel lanjanza li iressaq l-appellanti jirrigwarda in-nuqqas ta' prova imressqa mill-Prosekuzzjoni illi l-oggetti mertu ta' dan il-kaz kellhom provenjenza kriminali u cioe' illi l-oggetti li gew misjuba fil-pussess tal-appellanti kienu provenjenti mis-serq.

Imbaghad dwar id-dolo mehtieg ighid hekk:

*"per l-esistenza del dolo si richiede anzittutto la volonta di acquistare, ricevere, occultare, intromettersi. Occorre inoltre la consapevolezza della provenienza delittuosa del denaro o delle altre cose acquistate ecc. Tale consapevolezza secondo le regole generali deve ritenersi sussistente anche se nella mente del reo si sia affacciato il dubbio della provenienza delittuosa, ma, nonostante cio', egli abbia agito accettando il rishio di incorrere nelle sanzioni della legge."*

Imbaghad:

*"Oltre alla volonta e alla consapevolezza di cui abbiamo parlato, e' indispensabile il fine di procurare a se' o ad altri un profitto."*

Mill-fatti li jemergu mill-atti probatorji jirrizulta illi l-appellanti huwa wiehed minn erba diretturi tas-socjeta DIS Rental Equipment li n-negozju taghha jinvolvi il-kiri ta'

apparat *heavy duty* ghal xoghol ta' kostruzzjoni bhal *scaffoldings*. Jidher illi kien qed isir xoghol ta' restawr tas-swar tal-Belt Valletta fejn s-socjeta gestita mill-appellanti kienet kriet xi apparat bhal scaffoldings sabiex isir ix-xoghol. Jidher izda illi fuq il-lant tax-xoghol kien hemm xi apparat iehor simili appartenenti lil socjeta ohra bl-isem ta' Atlantic Scaffolding Ltd.. L-appellanti jishaq illi huwa kien ta struzzjonijiet lill-impjegat tieghu certu Adrian Grech sabiex izarma l-apparat taghhom u jiehdu fl-imhazen taghhom u jidher illi dan ta'l-ahhar hekk ghamel. Jichad illi l-pajpijiet mertu tal-kaz huma proprjeta tas-socjeta Atlantic Scaffolding Ltd u ighid illi l-marki li gew identfiikati minn certu Rachid Lachheeb u Miguel Mifsud li jiggestixxu din is-socjeta huma marki li jintuzaw similment minn kumpaniji ohra li ghandhom in-negozju tal-kiri ta'l-iscaffoldings. Jidher mill-provi illi kien Adrian Grech li kien informa lil dan Rachid illi hafna mill-materjal taghhom kien jinstab fil-mahzen tas-socjeta DIS Limited u li kien wara din l-informazzjoni li sar ir-rapport lill-pulizija. Jidher illi qabel ma ghadda din l-informazzjoni lil Rachid u Mifsud, dan Grech kien ghadu kemm tkecca mill-appellanti mill-lant tax-xoghol minhabba f'xi irregolaritajiet li kienu instabu fix-xoghol tieghu, izda li ma kenux marbuta ma' dan il-kaz.

Adrian Grech jikkonferma illi fuq struzzjonijiet ta'l-appellanti huwa flimkien ma haddiem ohra kien zarma xi scaffolding u kellu struzzjonijiet biex il-materjal tal-kumpanija jingabar minn fuq is-sit. Dan ix-xhud jiftakar illi fuq is-sit izda mal-hajt tas-sur fil-faccata l-ohra kien hemm l-iscaffolding u xi pipijiet zarmati appartenenti lis-socjeta Atlantic Scaffolding, izda jikkonferma illi sal-hin li dam hu fuq il-post ma kienx tnehha materjal appartanenti lil din il-kumpanija. Ighid izda illi huwa kellu jitlaq minn fuq il-post qabel ma tghabba il-materjal sabiex jingarr billi kien cempillu l-appellanti biex ikellmu fuq xi xoghol iehor. Ighid izda li wara dak in-nhar huwa beda jara li l-materjal fil-mahzen beda jizdied u li kien anke ra xi pajpijiet li kienu jappartjenu lil Rachid ghax kellhom il-clour coding tal-kumpanija gestita minnu. Kien ghalhekk li ghadda din l-informazzjoni lil Rachid.F'dan iz-zmien ighid ukoll li kellu problemi fuq ix-xoghol ma'l-appellanti u ma baqax jahdem mieghu. Ix-xhud

pero' ighid illi huwa ma ra lill-ebda persuna mis-socjeta DIS jiehu xi materjal appartenenti lill-parti leza. Jidher izda li meta gie mitkellem dan Adrian Grech ftit wara li kienet giet irrapurtata s-serqa tal-materjal dan cahad illi kellu xi involviment fl-istess u kien biss wara li tkecca mill-appellanti li hu avvicina lill-parti leza.

Issa qabel xejn mill-provi akkwiziti jidher illi r-retroxxena ghal din il-kawza hija wahda piuttost kumplessa minn fejn jririzulta illi qabel ma giet imwaqqfa il-kumpanija Atlantic Scaffoldings, minn Raschid u Miguel Mifsud dawn kienu impjegati mad-socjeta DIS li taghha l-appellanti huwa wiehed mid-diretturi. F'dan iz-zmien is-socjeta DIS kienet xtrat xi materjal ta' scaffolding provenjenti mill-Ingilterra u anke minn dan Raschid li kien indahal biex ibiegh dan il-materjal[2]. Is-socjeta Atlantic Scaffolding jidher illi kienet xtrat materjal ukoll mill-istess post meta twaqqfet u cioe' Trade Hire gewwa Manchester City. Jidher ukoll illi f'xi zmien qabel ma inbdew dawn il-proceduri kriminali s-socjeta DIS kienet akkuzat lil Raschid u Mifsud li dawn kienu serqulha xi materjal ghall-iscaffolding u giet intavolata kawza civili kontra taghhom. Sussegwentment sar ir-rapport mill-parti leza illi kien insterqilhom xi materjal u li dan fuq informazzjoni li ghaddielhom Adrian Grech ex-impjegat tas-socjeta DIS kien jinstab fil-mahzen ta' din il-kumpanija. Wara li sar ir-rapport lill-pulizija u infethet l-inkjesta magisterjali Rachid u Mifsud ighidu li gharrfu dak il-materjal bhala taghhom filwaqt li l-appellanti jibqa isostni li huwa tieghu. Jidher madanakollu li fost il-materjal li gie misjub fil-mahzen kien hemm xi pajpijiet bit-timbru BTY li s-socjeta Atlantic Scaffolding kienet kriet mis-socjeta BTY Scaffoldings appartenenti lil Anthony Bezzina li xehed u ikkonferma li l-materjal muri kien jappartjeni lilu. Ta' min jinnota ukoll illi wara li Adrian Grech tkecca mis-socjeta DIS u ghadda l-informazzjoni inkriminanti lill-pulizija huwa gie impjegat mas-socjeta Atlantic Scaffoldings ghal perijodu qasir.

[2] Ara kontro-ezami ta' Raschid Lachheeb

Issa minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi dak li wassal lill-Ewwel Qorti tistabbilixxi ir-reita fl-appellanti ghall-akkuza tar-ricettazzjoni kien il-fatt illi l-materjal, li mill-provi hija kienet konvinta li kien jappartjeni lis-socjeta parti leza, instab fil-pussess ta'l-appellanti minghajr ma l-appellanti ta spjegazzjoni dwar kif dawn setghu wasslu fil-pussess tieghu. Issa kif inghad sabiex jissussiti r-reat tar-ricettazzjoni jenhtieg li jigu ippruvati l-elementi kollha li isawwruh. Ma hux bizzejjed illi oggett misruq jinstab fil-pussess ta' l-akkuzat sabiex tigi stabbilita ir-reita'. Illi fl-ewwel lok dak li kellu jigi stabbilit mill-Prosekuzzjoni kien jekk kienx jirrizulta s-serq o meno ta'l-oggetti mertu tal-kaz. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm il-parti leza taghmel rapport lill-pulizija li sabet il-pajpijiet u materjal iehor nieqes minn fuq il-lant tax-xoghol, madanakollu qatt ma gie stabbilit u ippruvat *a priori* x'kienet il-konsistenza ta' dak il-materjal, il-post fejn allegatament kien qed jigi mizmum u kemm kien ilu hemm mizmum. Di piu' jirrizulta bhala fatt ippruvat illi f'dawk il-jiem l-appellanti kien taha struzzjonijiet lill-impjegati tieghu biex izarmaw il-materjal tas-socjeta li kien hemm fuq l-istess sit fejn kien qed jinzamm il-materjal tal-parti leza. L-appellanti ma kienx mar fuq il-post izda baghat lill-impjegati tieghu fosthom lil Adrian Grech li ghalkemm fir-rapport tieghu lill-ispettur Mercieca ighid li kien gie moghti struzzjonijiet minn Farrugia sabiex igorr il-materjal kollu li kien hemm fuq il-post, fix-xhieda tieghu fil-Qorti ighid imbaghad illi huwa fehem illi kellhom jiehdu il-materjal taghhom biss. Illi ghalhekk jekk il-materjal appartenenti lill-parti leza ingarr f'dak il-jum, ma jistax jinghad jekk dan ittehiedx volutament minn fuq il-post jew inkella jekk setax ittiehed bi zball u tpogga fl-imhazen tas-socjeta rapprezentata mill-appellanti. Fil-fatt l-ispettur Mercieca jikkontendi illi huwa ipprova ikellem lil uhud mill-impjegati involuti fil-garr ta' dan il-materjal izda kien difficli ghalih li jistabilixxi x'ingarr u f'liema kwantita u minn min. Kwindi ma jistax jinghad lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi sehh ir-reat tas-serq. Kif lanqas jista' jigi determinat minn min dawn l-oggetti allegatament gew misruqa jekk hux fuq struzzjonijiet ta' Farrugia jew inkella minn terza persuna li imbaghad ghaddiethom lil Farrugia. Dan qed jinghad allura ghaliex anke jekk *gratia argomenti* kellu jirrizulta illi dawn l-oggetti verament insterqu kif allegat, hemm dubbju jekk l-appellanti setax kien involut fis-serq taghhom jew

inkella biss bhala ricettatur. Kif inghad fid-decizjoni iccitata mill-appellanti fir-rikros tieghu ta'l-appell il-Pulizija vs Filippa Fenech[3]:

*" ....eppure r-ricettazzjoni hija delitt mhux ta' komplicita fis-serq, imma delitt ghalih."*

Illi dan maghdud, imbaghad, jirrizulta mill-atti illi apparti l-appellanti kien hemm tlett diretturi ohra tas-socjeta DIS Ltd li fil-pussess taggha instab il-materjal allegatament misruq. Illi ghalkemm jirrizulta illi kien Daniel Farrugia id-direttur li kien jiehu hsieb l-iscaffoldings, madanakollu ma hemmx l-icken prova fl-atti li tista' remotament tindika illi kien hu li seta' kien involut fl-akkwist tal-materjal misruq, kemm f'ismu proprju kif ukoll fil-kapacita vikarja tieghu bhala direttur tas-socjeta DIS Equipment Rental Limited.

Illi ghalkemm jista' jinghad li gie stabbilit illi kien hemm xi materjal li kien jappartenji lill-parti leza fosthom il-pajpijiet mizbughin kulur blu u dawk lil kellhom fuqhom il-marka BTY, mikrija minn ghand Anthony Bezzina, dan madanakollu ma jistax iwassal ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi meta l-appellanti gie fil-pussess ta' dan il-materjal huwa kellu ix-xjenza illi dan kien provenjenti mis-serq, jew ghal ta l-inqas seta' kellu suspett fir-rigward. Fuq kollox, kif inghad, dawn l-iscaffoldings kienu armati vicin ta' xulxin setghu ittiehdu bi zball u ad insaputa tal-appellanti. Jidher illi dan il-hadid li huwa simili hafna fid-dehra tieghu facilment jitfixkel fir-rigward il-proprjeta ta'l-istess tant illi hemm pendenza bejn dawn l-istess partijeit ghar-rigward ta' materjal li allegatament ittiehed mill-parti leza li kien proprjeta ta'l-appellanti u kwindi lanqas ma jista' jigi eskluz illi xi hadid mertu ta' dan il-kaz jista' ukoll jifforma parti mill-hadid mertu tal-kawza civili pendenti bejniethom.

[3] 18/05/1937

Illi allura din il-Qorti tara illi ma hemmx prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar l-elementi li isawwru ir-reat tar-ricettazzjoni b'mod ewlieni il-fatt illi sehh ir-reat sottostanti l-akkuza tar-ricettazzjoni, u x-xjenza fir-ricettatur li meta huwa ha il-pussess ta'l-oggetti huwa kien konxju jew kellu suspett illi dawn kellhom provenjenza illegittima.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed thassar u tirrevoka d-decizjoni impunjata u ghalhekk tghaddi biex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registatur